MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2008

Appell Civili Numru. 38/2007

**Kenneth Vella**

**vs**

**Seabank Catering Co. Ltd u b'digriet tat-23 ta' Mejju, 2008 isem is-socjeta` appellanti gie mibdul ghal Seabank Hotel and Catering Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Dicembru, 2007 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"Introduzzjoni**
>
> Dan il-kaz gie rreferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors fir-Registru tal-Qorti Superjuri f'isem Kenneth Vella mill-Avv. Ian Spiteri Bailey fejn qeghed jghid illi din it-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu hija ingusta u illecita skond il-ligi ai

termini tal-Att ta' l-2002 dwar l-Impieg u Relazzjonijiet Industrijali (Att Nru. XXII ta' l-2002).

Is-Sur Kenneth Vella aktar 'l quddiem jissejjah l-appellant kien assistit mill-Avv. Ian Spiteri Bailey. Il-Kumpanija Seabank Catering Co. Ltd. (C6688) aktar 'l quddiem tissejjah is-socjeta kienet rapprezentata mis-Sur Arthur Gauci, Financial Controller assistit mill-Avv. Aron Mifsud Bonnici.

It-Tribunal zamm tmien (8) seduti.

**Dikjarazzjoni tal-Kaz**

L-appellant jghid illi beda jahdem mas-socjeta appellata f'Settembru 1996 bhala 'Payroll Clerk'. Wara ftit zmien beda jahdem ukoll fil-kcina bhala kok fuq bazi *part-time.* Fl-1997/98 kien gie moghti l-inkarigu ta' Personnel Wages Officer fejn kien jiehu hsieb ir-rizorsi umani.

Fis-sena 1998 gie avvicinat biex jiehu l-inkarigu ta' Assistant Food and Beverage Operations Manager. Wara biss sena, jigifieri fis-sena 1999, il-pozizzjoni tieghu giet promossa ghal Food and Beverage Operations Manager fejn kien jiehu hsieb disa' postijiet differenti ta' l-ikel u x-xorb.

F'Jannar tal-2003 gie mitlub sabiex jiehu hsieb it-Tunny Net Complex bhala Complex Manager. Din il-kariga kienet mhux biss ikel u xorb imma responsabbilta' totali tal-kumpless, anke jekk n-nomenklatura tax-xoghol tieghu kienet dik ta' Tunny Net Food & Beverage Manager.

Matul it-tieni gimgha ta' Jannar 2005 gie avzat sabiex johrog bil-vakanzi peress illi kien baqalu xi granet vakanti tas-snin ta' qabel. Sadanitant kien jidhol xi nofs ta' nhar sabiex jaghmel xi xoghol klerikali u xi xoghol iehor bhal ma hu l-costing ta' menu ta' San Valentinu u preparazzjonijiet li titlob ghal din l-okkazjoni.

Matul il-leave tieghu dejjem kien izomm kuntatt ma' l-assistent tieghu, Alex Cutajar, sabiex ikun jaf u wkoll jiddiskutu materji tax-xoghol. Fis-17 ta' Frar 2005 gie avvicinat minn Alex Cutajar sabiex it-Tnejn 21 ta' Frar 2005 jerga' jidhol ghax-xoghol peress illi kien avzat mis-Sur Silvio Debono biex jibda jipprepara x-xoghol ghas-sajf. L-ewwel priorita` kienet li jqassam l-equipment tal-kcina sabiex jghaddu s-sistemi tad-dawl u l-ilma. Kien ghal habta tal-13.30 illi s-Sur Silvio Debono spjegalu x'riedu jaghmel u jiehu hsieb; jikkonkludi l-kcina l-gdida sal-Hamis bil-kwotazzjoni migbura minghand il-Catering Centre; l-equipment tal-bar; jipprepara menu tal-Latino u tat-Tapaz u li chef Taljan ikun prezenti.

Is-Sur Silvio Debono qallu dwar tmien punti importanti. Kien talab lil Silvio Debono pjanta tal-post u dan baghtu ghand disinjatur Mark Pace sabiex inizzel kopji tal-pjanti.

Sakemm kien bil-*leave*, is-Sur Silvio Debono rranga biex igib kok Taljan minn Venezja sabiex jghallem liz-zewg koki taghhom Godfrey Bezzina u Christoper Borg u biex dawn jitilghu l-Italja ghal hmistax-il gurnata biex jipprattikaw ma' dan il-kok. Iz-zewg koki ntghazlu f'Dicembru 2004. Dan it-Taljan kellu jasal nhar it-Tlieta 22 ta' Frar 2005 u jitilqu flimkien il-Hamis 24 tax-xahar.

Sadanittant Christopher Borg kien fuq vakanza ta' xahar u wasal Malta il-Hadd 20 ta' Frar 2005. It-Tlieta 22 ta' Frar 2005 Christopher Borg avzah li ma kienx ha jitla l-Italja ghaliex gurnata qabel gie offrut job barra minn Malta. Ghalhekk kien ser jirrizenja minn mal-kumpanija. Borg qallu illi kien ser javza lil Silvio Debono personalment ghaliex il-kuntratt gdid imwieghed minn Silvio Debono f'Dicembru kien ghadu qatt ma taghulu. Is-Sur Silvio Debono cempellu wara nofsinhar tat-Tlieta 22 ta' Frar 2005 u qallu biex jitla' l-Itaija minflok

Christopher Borg. Qallu li ma jistax u pproponielu lil Jean Paul, kok iehor li jahdem mall-kumpanija. Jean Paul irrifjuta ghaliex kien avzat tard u 15-il gurnata kienu twal u li ma kellux mohh jitla' ghal ragunijiet personali tieghu.

Silvio Debono rega' cempillu ftit qabel is-2.00p.m. u qallu illi Jean Paul ma setax imur imma Silvio Debono qallu li jrid imur huwa u meta jigi jghallem lill-istaff tal-kcina. L-appellant qallu li ma jistax ghax kien diga' ppjana xi affarijiet personali u li kien zmien qasir ghalih biex isiefer. Silvio Debono qallu "*mela ha jkolli nsib Manager iehor*" u l-appellant qallu *"issa dak inti tafu".*

L-appellant mar jghid lil Alex Cutajar bhala l-assistant x'kien qallu s-Sur Silvio Debono. Cempillu Natalino Debono ghal habta tas-2.00p.m. u staqsieh fejn kien ghax ix-Sur Silvio Debono ried ikellmu. Qallu li kien ghadu kif kien mieghu fuq il-telefon u qallu illi s-Sur Silvio Debono riedu jmur jiffirma r-rizenja tieghu. Mahsud mid-decizjoni qallu, fuq liema bazi jien nirrizenja?, qallu ma nafx. L-appellant qallu li ma kellux ghalfejn jirrizenja.

Wara kien cempillu Arthur Gauci staqsieh x'kien gara u talbu biex imur l-ufficcju tieghu halli jsibu soluzzjoni biex hadd ma jwegga u jsibu t-triq tan-nofs. Meta mar l-ufficcju ta' Arthur Gauci kif kien mitlub, Arthur laqghu b'dawn il-kliem *"Kont qed nahseb f'triq tan-nofs imma prattikament id-decizjoni ttiehdet u ghandek zewg ghazliet x'taghmel. Wahda li tiffirma u nohroglok reference tajba u tithallas sa l-anqas Lira li ghandek tiehu inkluz il-leave, bonus u performance bonus, inkella triq ohra li ma nixtieqx thammiglek ismek".* L-appellant talbu jaghtieh cans ha jiehu parir. Arthur qallu biex l-ghada filghodu jghidlu x'decizjoni jkun ha u talbu jirritorna c-cwievet u ma jersaqx lejn il-post tax-xoghol. L-Erbgha 23 ta' Frar 2005 l-appellant mar l-ufficcju ta' Arthur Gauci u

qallu li kien mar jirraporta ghax-xoghol. Qallu mela int bil-*leave*. L-appellant jghid illi waqt li kien bil-*leave* dahal jiddiskuti ma' Hubert ta' Paolo Bonnici u Emvin Bartolo ghal meeting fuq restaurant u bar gdid, li minn naha tal-kumpanija kien fdat lilu.

Il-Hamis 24 ta' Frar 2005 cempillu Arthur Gauci biex jiltaqghu fl-ghaxija. Arthur qallu l-pozizzjoni manigerjali ma ghadiex available ghalih ghaldaqstant offrielu il-pozizzjoni bhal Godfrey Bezzina fil-kcina. L-appellant irrifjuta u hu qallu mela ha tirrizenja. L-appellant qallu naghtik risposta meta nkun hadt parir.

Il-Gimgha 25 ta' Frar 2005 cempel lil Arthur Gauci u qallu li mhux ha jiffirma. Talbu jinfurmah bil-miktub. Hariglu l-karta ta' terminazzjoni ta' l-'impieg tieghu.

Is-socjeta appellata fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz taghha tghid illi Kenneth Vella kien bnediem promettenti hafna u kien juri li seta' kellu potenzjal li jimxi 'l quddiem fil-kumpanija. Huwa beda l-impieg tieghu fl-10 ta' Settembru 1996 bhala 'accounts clerk' mas-Sea Bank Hotel (immexxija wkoll mis-socjeta esponenti) fuq bazi part-time, Kenneth Vella kien ukoll jahdem bhala kok.

Il-kumpanija bdiet tafdah b'aktar responsabbiltajiet (u Kenneth Vella kien jaccettahom) u fil-11 ta' Mejju 1998 huwa gie mahtur bhala Payroll Personnel Officer. Fil-5 ta' April 1999 huwa gie mahtur bhala Operations and Personnel Manager. Kenneth Vella inghata r-responsabbilta totali ghall-kumpless turistiku maghruf bhala Tunny Net Complex. Fil-kuntratt ta' servizz tieghu, Kenneth Vella fil-fatt accetta *"the Tunny Net Operation as part of his areas of responsibilities"*.

Essenzjalment, il-kumpanija fdat f'idejh it-tmexxija tan-negozju kollu operat f'dan il-kumpless, li kien jikkomprendi tlett outlets tal-catering u hanut tas-

souvenirs. Ir-responsabbilta' tieghu kienet dwar kull aspett tan-negozju; il-kwalita tal-prodott tal-kcina, ix-xiri ta' materjal, ir-rizorsi umani tal-kumpanija (bid-dritt 'to hire and fire'), l-izvilupp ta' negozju gdid u kull aspett iehor li huwa intrinsikament marbut ma l-oghla pozizzjoni manigerjali fil-kumpanija. Meta accetta l-pozizzjoni, Kenneth Vella kien jaf li kienet pozizzjoni impenjattiva hafna u fil-fatt, il-kuntratt tax-xoghol tieghu kien jghid specifikament li *"his responsibilities extend over the entire seven days of the week... It is clearly understood... that the working week includes Sundays and Public Holidays, evenings and night duties in accordance with exigencies".*

Sfortunatament, Kenneth Vella kellu limitazzjonijiet serji fil-qadi ta' dmirijietu f'din il-pozizzjoni. Minkejja li huwa nghata r-responsabbilta ghall-kumpless, Kenneth Vella beda juri dipendenza kbira fuq id-dirigenti tal-kumpanija biex jiehu decizjonijiet li kienu jaqghu fid-dmirijiet tieghu. Din kienet sitwazzjoni li ma kienetx tghogob lid-dirigenti tal-kumpanija u wisq anqas lic-Chairman tal-kumpanija , s-Sur Silvio Debono li sab ruhu f'sitwazzjoni fejn ikollu jaghmel hu x-xoghol u jiehu hu d-decizjonijiet li Kenneth Vella ma jaghmilx u ma jiehux.

Is-Sur Silvio Debono fil-fatt hass ruhu kostrett li jibda jinvolvi ruhu direttament u jara x'kien qed jigri fil-kumpless wara li beda jircievi xi ilmenti dwar is-servizz u l-prodott tar-restaurant tat-Tunny Net. Is-Sur Debono insista li t-Tunny Net Complex kellu jkun gestit ahjar u dan, ghal affarijiet ohra, billi jinghata face-lift u billi l-impjegati (partikolarment il-koki) jinghataw training barra minn Malta. Dan kien b'reazzjoni ghall-kummenti negattivi li kien qieghed jircievi minn persuni li jkunu dizappuntati bil-kwalita tal-prodott. Is-Sur Debono sab ruhu

jintervjeni spiss sabiex isewwi sitwazzjoni negattiva.

F'din is-sitwazzjoni Kenneth Vella ha attitudni passiva ghall-ahhar. Minkejja li kien hemm hafna affarijiet x'jitrangaw, u li dawn kien imissu ha responsabbilta' taghhom u agixxa dwarhom, huwa halla li jkun ic-Chairman tal-kumpanija u kien kuntent jagixxi bhal kull impjegat iehor fi grad mhux manigerjali, imur ghax-xoghol meta jkun imissu xoghol, izda generalment jahsel idejh meta jkun frank. Minhabba dan, is-Sur Silvio Debono kien sab ruhu kostrett li jattendi l-kumpless kull filghaxija biex jissorvelja hu s-servizz.

Ic-Chairman tal-Group kien jipprova jincentiva lil Kenneth Vella sabiex jiehu r-riedni tan-negozju f'idejh u jmexxi 'l quddiem il-kumpless. Kienet id-disfatta tat-tahrig tal-kokijiet gewwa l-Italja li wasslet biex finalment il-kumpanija taqta' qalbha li s-sitwazzjoni xi darba tmur ghall-ahjar.

B'reazzjoni ghall-kummenti negattivi dwar il-kwalita ta' l-ikel, is-Sur Debono ha decizjoni li kienet taqa' fil-mansjonijiet ta' Kenneth Vella, cioe' li jghati tahrig lill-kokijiet Godfrey Bezzina u Christopher Borg. Is-Sur Silvio Debono ha l-inizjattiva hu billi rranga sabiex kok mill-Italja jigi Malta halli jara l-kumpless u jkun jaf x'inhuma l-bzonnijiet tal-kumpanija. Wara din iz-zjara l-kokijiet Maltin kellhom imorru l-Italja ghal gimghatejn tahrig ma' dan il-kok.

Kenneth Vella kien jaf id-dettalji kollha, kien jaf ukoll meta x-Chef Taljan kien ser jasal Malta u meta l-kokijiet tal-kumpanija kellhom jitilghu l-Italja. Kenneth Vella jallega li Christopher Borg irrizenja minn mal-kumpanija fl-ahhar mument qabel il-kors l-Italja ghax ma kienx inghata l-kuntratt imwieghed. Kenneth Vella kellu responsabilta' fuq ir-rizorsi umani tal-kumpanija u jekk xejn kellu jkun huwa li jerfa' id-decizjoni jekk

inghatax dak il-kuntratt. Bhala l-persuna responsabbli min-negozju kollu, huwa kellu jara li kumpanija ma tasalx ghal sitwazzjoni bhal dik, li fl-ahhar mumenti jitilqilha kok u ma jkunx rimpjazzat ghal kors daqstant importanti.

Din is-sitwazzjoni kienet tinvolvi lill-kumpanija investment ta' fondi u rizorsi. Is-Sur Debono qal lil Kenneth Vella li kellu jerfa' r-responsabbilta hu u jattendi ghall-kors biex meta jigi lura jghaddi dak li jkun tghallem lill-kokijiet subordinati tieghu. Kenneth Vella fil-fatt huwa kok b'diversi snin esperjenza. Meta gie mitlub sabiex jattendi hu, ipprova fl-ahhar mumenti jsib persuna ohra sabiex tmur l-Italja minfloku, izda kien tard wisq ghax ma sabx. Huwa informa lis-Sur Silvio Debono li kellu xi "affarijiet personali" li kienu jzommuh milli jsiefer.

B'din l-attitudni huwa wera li ma kellux l-istoffa mehtiega sabiex ikompli jokkupa pozizzjoni manigerjali u l-kumpanija tilfet il-fiducja li huwa seta' jmexxi 'l quddiem in-negozju taghha.

Wara dawn il-fatti, l-Financial Controller tal-kumpanija Arthur Gauci kellu laqgha ma' Kenneth Vella dwar is-sitwazzjoni. Spjegalu li l-kumpanija ma kellhiex aktar fiducja fih bhala manager tal-kumpless. Ghaldaqstant, huwa gie nfurmat li l-impieg tieghu kien ser ikun terminat sakemm huwa ma xtaqx li jirrizenja qabel. Sabiex jirrizenja, Kenneth Vella talab li jithallas bonus doppju izda dan ma kienx accettabbli ghall-kumpanija. Ghalhekk, huwa intalab johrog fuq *leave,* ma jirrapurtax ghax-xoghol u jirritorna c-cwievet tal-kumpless li kienu fil-pussess tieghu sakemm tkun evalwata ahjar is-sitwazzjoni. Fl-24 ta' Frar 2005 Arthur Gauci rega' sejjahlu u ddiskuta s-sitwazzjoni mieghu. Huwa rega' qallu li l-kumpanija ma setghetx tkompli tafdah bir-responsabbilta ghall-kumpless izda kienet disposta zommu fl-impieg bhala *junior sous chef,*

f'pozizzjoni ekwivalenti ghal dik okkupata minn Godrey Bezzina. Huwa rrifjuta din il-pozizzjoni u stqarr li ma xtaqx jahdem aktar mal-Group, tkun xi tkun il-kariga, izda xtaq li jghati l-pozizzjoni finali tieghu l-ghada filghodu. L-ghada huwa cempel lil Arthur Gauci u qallu li xtaq li l-kumpanija taghtih is-sitwazzjoni bil-miktub. L-ittra datata 25 ta' Frar 2005 iffirmata mic-Chairman tal-Group is-Sur Silvio Debono, segwiet din il-konversazzjoni u hekk l-impieg gie fi tmiemu. Kenneth Vella gabar din l-ittra personalment nhar is-26 ta' Frar 2005. Il-kumpanija ghalkemm ma kellhiex obbligu li taghmel hekk, offrietlu impjieg alternattiv f'pozizzjoni aktar idonea ghall-kapacitajiet tieghu, izda dan ma kienx accettat.

**Provi**

Xhud is-Sur Silvio Debono, Chairman tal-Group, qal illi Kenneth Vella kellu pozizzjoni bhala General Manager responsabbli minn A sa Z tat-Tunny Net Complex li kien jokkonsisti f'zewg restaurants, f'hanut tas-souvenir u kien hemm ukoll Lido. Qal illi kien qallu li l-quddiem anke ried jiehu hsieb ukoll illi l-loans t'hemmhekk iridu jithallsu minn hemm. Maz-zmien beda jirrizulta li s-sitwazzjoni bdiet tmur lura, kellu jerga jibda jara kif qed titmexxa l-complex xi haga illi huwa ried li bhala Chairman ma jkollux jghoqod jara x'hinu ghaddej. Bhala General Manager seta jimpiega n-nies u seta jkecci n-nies. Minhabba li rrizulta illi Kenneth Vella ma kienx qed juri dak l-interess li ried minnu rega' ha z-zmien biex ikun cert offrielu li jnehhieh minn General Manager u offrielu pozizzjoni ta' *Junior Chef* u Kenneth qallu li hawnhekk ma riedx jahdem izjed.

Biex is-sitwazzjoni tal-complex tmur ghal ahjar ix-xhud qal illi kien iddecieda li jigi kok Taljan billi jitilghu l-Italja zewg koki minn taghhom. Tkellem ma' Kenneth biex jara min l-ahjar li ghandu jitla. Gara illi l-ewwel kellu jmur l-airport ghal kok u

halla sa l-ahhar u ma marx ghax qal li kellu xi haga personali u gurnata qabel maz-zewg koki Maltin li kienu se jitilqu l-Italja wiehed minnhom Chris Borg qallu li ma jistax imur ghax bghatu ghalieh mill-Italja u sejjer ihalli l-impieg. Is-Sur Debono qal lil Kenneth biex imur huwa peress illi kellu esperjenza fil-kcina ghax hu kien kok u Kenneth qallu li ma jistax imur l-Italja ghax kellu affarijiet personali. Iffaccjat b'din is-sitwazzjoni x-xhud qal illi se jgeghlu jirrizenja mill-pozizzjoni ta' General Manager ghax ma kienx qed isolvi l-problemi.

Xhud Arthur Gauci, Group Financial Controller, qal illi hu gie bazikament involut fil-kaz tas-Sur Kenneth Vella meta cempillu s-Sur Silvio Debono, Chairman tal-Group it-Tnejn 22 ta' Frar 2005 u qallu li ma ghadx baqalu fiducja fil-pozizzjoni ta' Kenneth Vella u araw kif se nitterminawh. Meta kellem lis-Sur Kenneth Vella u spjegalu kollox dwar dak li kien qallu c-Chairman is-Sur Debono, ir-reazzjoni ta' Kenneth kienet illi biex jirrizenja hu minn jeddu talabhom bonus doppju ta' dak li kien imiss lilu. Il-Hamis 24 ta' Frar kien rega’ kellu meeting ma' Kenneth Vella u offrielu impieg alternattiv mal-kumpanija ta' l-ghola kariga ta' Chef fil-kcina peress li kienu jafu illi kien kapaci fil-kcina. Is-Sur Kenneth Vella qallu illu hu ma ried l-ebda pozizzjoni hi x'inhi mal-Group. Ma kienx hemm alternattiva ohra hlief li johrog l-ittra tat-terminazzjoni li hareg l-ghada s-Sibt u gie gabarha huwa *by hand* filghodu stess mill-ufficcju tieghu.

Fil-kontra ezami mill-legali ta' l-appellant ix-xhud qal illi s-Sur Kenneth Vella kien inghata l-kuntratt fis-sena 1999 meta originarjament kien ghadu s-Sea Bank eventwalment il-pozizzjoni tieghu giet trasferita fis-sena 2003 ghat-Tunny Net Complex bl-istess principji li kellu. Meta kien ghadu s-Sea Bank kellu *warning* fis-16 ta' Jannar 2000 fuq xi restaurant *setup.*

Xhud l-appellant qal illi l-bidu tieghu fix-xoghol kien ta' Payroll Clerk mas-Seabank Catering Company Limited f'Settembru 1996. Maz-zmien interessa ruhu u ha kors f'Managerial Positions u ha kors iehor mal-Malta Institute of Management. Kien gie avvicinat mis-Sur Arthur Gauci ghan-nom tac-Chairman is-Sur Silvio Debono u gie mghoti l-kariga ta' Food and Beverage Operations Manager li kienet tkopri disa' outlets kemm is-Seabank Catering Co. Ltd. u wkoll it-Tunny Net Complex.

Dwar il-kuntratt li kellu kien fih illi jrid jithallas performance bonus li kien jigi stmat fuq persentagg ta' tliet punti fuq achievement ta' gross operating profit, fuq achievement ta' cost of sales u fuq achievement ta' overall payroll.

Fit-22 ta' Frar 2005 kellu jasal kok Taljan biex jara l-post u jghati xi pariri siewja ghall-post. Qal illi s-Sur Silvio Debono kien qallu, "*li llum gej l-kok Taljan, ara li l-kcina tkun nadifa peress li kien ghaddej xoghol ta' kostruzzjoni biex ikun jista' jahdem fuq il-menu".* L-appellant qal li kien ircieva telefonata minghand is-Sur Arthur Gauci fejn talbu jmur l-airport hu ghat-Taljan, kien qallu li ghandu struzzjonijiet biex jara x-xoghol jmur sewwa; ma kienx mar l-airport.

Is-Sur Silvio Debono kien xtaq li jibghat zewg kokijiet barra minn Malta biex jiehdu esperjenza u jaraw barra kif jahdmu. L-appellant kien issuggerixxa lil Christopher Borg u kien qallu li ghandu jitla ukoll Godfrey Bezzina. Irrizulta illi Christopher Borg wiehed milli kellu jitla l-Italja qallu ghadu kemm kien ircieva "acceptance" mill-Italja biex jibda jahdem l-Italja u ma hux se jkompli mal-kumpanija u se jirrizenja. Christopher Borg ried li jinforma lis-Sur Debono huwa personali.

Xhud Alex Cutajar jahdem barman fil-bar tieghu, qabel kien jahdem fit-Tunny Net Complex fejn kien

l-ewwel barman u kien ukoll l-assistant ta' Kenneth Vella. Qal illi meta Kenneth kien bil-*leave* is-Sur Debono kien talbu biex icempel lill-Kenneth biex jidhol mill-*leave* biex jaghmel xi pjanti tal-kcina tal-wine bar Tapaz kif ukoll jahdem fuq xi menus. Qal illi matul li Kenneth kien bil-*leave* kien jaghmel kuntatt mieghu billi jcempillu bil-mobile u gieli kien icempel huwa lil Kenneth fuq xi kwistjoni jew xi function li kien ga lesta Kenneth u jkomplihom ix-xhud.

**Konsiderazzjonijiet**

L-appellant is-Sur Kenneth Vella beda fl-impieg tieghu mas-Seabank Catering Company Limited f'Settembru 1996 bhala Payroll Clerk. Wara xi zmien hadem fil-kcina bhala kok fuq bazi part time. Fl-1997/8 gie moghti l-inkarigu ta' Personnel Wages Officer u jiehu hsieb ir-rizorsi umani. Fis-sena 1998 gie moghti l-inkarigu ta' Assistant Food and Beverage Operations Manager. Sena wara fl-1999 gie promoss ghal Food and Beverage Operations Manager fejn kien responsabbli ghal disa' postijiet differenti ta' ikel u xorb. F'Jannar ta' 2003 gie inkarigat jiehu hsieb it-Tunny Net Complex bhala Complex Manager, kariga ta' responsabbilta totali tal-Kumpless. Fil-25 ta' Frar 2005 gie mkecci mill-impieg tieghu.

L-appellant ghamel fl-impieg minn Settembru 1999 sa Frar 2005. F'dan iz-zmien relattivament qasir ta' hames snin u hames xhur ghamel avvanzi konsiderevoli fl-impieg tieghu, tant illi l-amministrazzjoni tas-socjeta appellata afdatlu fil-kariga tieghu responsabbiltajiet ta' natura gholja. Fil-kariga ta' Complex Manager fit-Tunny Net kien sahansitra responsabbli illi jimpjega u jkecci (hire and fire). L-impieg tieghu fit-Tunny Net Complex kien responsabbli ghal hinijiet kollha matul l-erbgha u ghoxrin siegha mit-Tnejn sal-Hadd u festi pubblici tant illi c-Chairman is-Sur Silvio Debono kien qallu li ‘l quddiem anke ried jiehu

hsieb ukoll illi l-loans tat-Tunny Net irid jara li jithallsu minn hemm.

Is-socjeta appellata tghid illi l-appellant kien bniediem promettenti hafna u kien juri li seta' kellu potenzjal li jimxi l-quddiem fil-kumpanija. Sfortunatament l-appellant kellu limitazzjonijiet serji fil-qadi ta' dmirijietu f’din il-pozizzjoni. Huwa beda juri dipendenza kbira fuq id-dirigenti tal-kumpanija biex jiehu decizjonijiet li kienu jaqghu fid-dmirijiet tieghu. Din is-sitwazzjoni ma kienetx toghgob lid-dirigenti tal-kumpanija wisq anqas lic-Chairman tal-kumpanija s-Sur Silvio Debono li sab ruhu li kellu jaghmel hu x-xoghol u jiehu hu d-decizjonijiet li l-appellant ma jaghmilx u ma jiehux.

Is-socjeta appellata tghid ukoll illi c-Chairman sab ruhu kostrett li jinvolvi ruhu direttament u jara x'kien qed jigri fil-kumpless wara li beda jircievi xi lmenti dwar is-servizz u l-prodott tar-restaurant tat-Tunny Net. F'din is-sitwazzjoni l-appellant ha attitudni passiva ghall-ahhar minkejja li kien messu ha responsabbilta ta' l-affarijiet illi hu kien responsabbli taghhom u agixxa dwarhom. L-appellant ma kienx juri ntuzjazmu u kien prattikament kuntent jimxi mal-kurrent. Is-Sur Silvio Debono kien xtaq li jibghat zewg kokijiet barra minn Malta biex jiehdu esperjenza u jaraw kif jahdmu. L-appellant kien issuggerixxa lil Christopher Borg u kien hemm ukoll Godfrey Bezzina. Meta kienu se jmorru l-Italja Christopher Borg qal lill-appellant illi kien ircieva "acceptance" mill-Italja biex jibda jahdem l-Italja u ma hux se jkompli mal-kumpanija u se jirrezenja. Iffaccjat b'dan ic-Chairman qal lill-appellant biex imur huwa minflok Christopher Borg. L-appellant qal lic-Chairman li ma jistax imur u ppropona lil Jean Paul kok iehor. Jean Paul irrifjuta ghax kien avzat tard u 15-il gurnata huma twal li ma kellux mohh jitla ghall-ragunijiet personali. Ic-Chairman is-Sur Debono qal lill-appellant li jrid imur huwa l-Italja u meta jigi lura jghallem lill-istaff tal-kcina. L-

appellant qallu illi ma jistax ghax kien diga kellu ippjanat xi affarijiet u z-zmien qasir ghalih biex isiefer. Silvio Debono qallu "*mela ha jkolli nsib Manager iehor".*

It-tluq ghall-Italja taz-zewg kokijiet u r-rizenja ta' Christopher Borg holoq l-inkwiet kollu fl-ahhar mumenti meta kollox kien ippreparat. Minhabba li ma nstabx sostitut flok Christopher Borg gie ordnat jilta l-Italja l-appellant. L-appellant ma setax jmur l-Italja ghax qal li diga kellu affarijiet ohra ppjanati. Kien propju dan il-kaz li wassal lill-appellant illi minhabba li ma accettax li jmur l-Italja gie mnehhi mill-kariga ta' Manager tat-Tunny Net Complex u gie offrut post iehor ta' "junior sous chef". L-appellant irrifjuta din il-pozizzjoni.

It-Tribunal Industrijali:

Jara illi l-appellant fiz-zmien daqshekk qasir inghata diversi karigi sa wasal fl-ghola kariga ta' Manager tat-Tunny Net Complex. Dana huwa fatt car illi d-dirigenti tal-kumpanija meta tawh dawn il-karigi kienu konvinti li l-appellant kien il-persuna li tista' taqdi tali dmirijiet b'mod sodisfacenti. Ra wkoll illi c-Chairman is-Sur Silvio Debono kellu diversi kummenti ta' nuqqasijiet matul iz-zmien.

Ra illi il-kaz tat-tluq ghall-Italja taz-zewg kokijiet biex jakkwistaw aktar esperjenza fix-xoghol taghhom, kien propju r-rizenja ta' Christopher Borg fl-ahhar hin illi holoq il-problema ta' min kien se jmur minfloku. Minhabba li ma nstabx min jista' jmur ic-Chairman is-Sur Debono ried illi jmur l-appellant biex meta jigi lura jghallem lill-ohrajn u wkoll peress illi l-appellant kellu esperjenza bhala kok.

Ra illi matul iz-zmien ta' l-appellant fl-impieg mal-Group ma kellux warnings hlief ghal wiehed fis-sena 2000 li kien dwar xi haga zghira fir-restaurant ta' lukanda. L-appellant beda fil-kariga

ta' Complex Manager tat-Tunny Net f'Jannar 2003.

Ra it-transcript tas-seduta tat-28 ta' Settembru 2006 l-ahhar paragrafu fejn il-legali ta' l-appellant ghamel din id-domanda lix-xhud is-Sur Debono, "*Bil-Malti iktar car kieku Kenneth Vella telaq hu flok Chris Borg kont tkeccieh"* ix-xhud Silvio Debono irrisponda *"le".*

Ra illi l-appellant kull ma ghamel fil-kariga ta' Complex Manager tat-Tunny Net kien minn Jannar 2003 sa Frar 2005. Is-socjeta appellata tghid illi l-appellant kien bnediem promettenti hafna u kien juri li seta' kellu potenzjal li jimxi l-quddiem fil-kumpanija. Is-socjeta appellata ghamlet ukoll diversi rimarki illi l-appellant kellu nuqqasijiet fil-kariga tieghu.

Ra illi l-kaz li wassal ghat-tkeccija ta' l-appellant mill-kumpanija kien it-tluq taz-zewg kokijiet ghall-Italja, Christopher Borg u Godfrey Bezzina. Kien Christopher Borg illi fl-ahhar hin avza lill-appellant li kien ircieva "acceptance" biex imur jahdem l-Italja u li kien se jirrizenja minn mal-kumpanija. Il-kaz ta' Christopher Borg holoq sitwazzjoni fejn ic-Chairman ordna lill-appellant biex jmur huwa l-Italja. L-appellant jghid illi ma setax minhabba impenji personali ga ippjanati. Is-socjeta b'rizultat ta' hekk nehhiet lill-appellant mill-kariga li kellu u offrietlu xoghol iehor ta' "junior sous chef" liema offerta l-appellant ma accettax u gie mkecci mill-impieg.

Illi wara li kkonsidra dak kollu li ntqal jara illi t-tkeccija ta' l-appellant mill-impieg sehhet minhabba li l-appellant ma marx l-Italja kif kien ordnat jaghmel mic-Chairman is-Sur Silvio Debono.

**Decizjoni**

> It-Tribunal industrjali ra l-Istqarrija tal-Kaz tal-partijiet, ra u ezamina x-xhieda prodotta, ra d-dokumenti esibiti, ra t-trattazzjoni finali tal-partijiet, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jsib illi t-tkeccija ta' l-appellant mill-impieg tieghu mas-socjeta appellata ma kienetx ghar-raguni gusta u sufficienti.
>
> Ghandu jinghata kumpens fis-somma ta' Lm5,000 = Ewro11,646.90 liema somma trid tinghata f'zewg pagamenti ndaqs, l-ewwel pagament mhux aktar tard mill-ewwel tmien gimghat mid-data tad-decizjoni u t-tieni pagament sa tmien gimghat wara.
>
> Ghall-fini ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986, it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fis-somma ta' Lm40.00 = Ewro 93.17 kull wiehed.
>
> B'hekk tintemm din l-kwestjoni tax-xoghol.**"**

L-ilmenti tas-socjeta` intimata fl-appell taghha minn din is-sentenza huma principalment tnejn, u cjoe:

(1) It-Tribunal kien zbaljat meta fl-apprezzament tieghu tar-raguni tajba u bizzejjed tat-tkeccija ffoka ruhu fuq l-element tal-"misconduct". Skond il-kumpanija appellanti l-vera raguni tat-tkeccija kienet l-inkompetenza pruvata ta' l-appellat li jaghmel xoghlu sal-livell li kienet tehtieg il-kariga manigerjali tieghu;

(2) Il-kwantum tal-kumpens akkordat mit-Tribunal ma juri ebda ness mal-fatti u hu eccessiv u nieqes minn spjegazzjoni;

Fir-risposta tieghu ghall-appell hekk intavolat, l-appellat jissolleva b' eccezzjoni l-irritwalita` ta' l-appell ghax mhux bazat fuq "punt ta' ligi" a norma ta' l-Artikolu 82 (3) tal-Kapitolu 452. F'kull kaz, skond l-appellat, lanqas ma

huwa minnu illi t-Tribunal illimita ruhu ghall-ezami tar-raguni gusta, o meno, mill-ottika tal-*misconduct* jew tad-dizubbidjenza;

Kif kellha okkazjoni din il-Qorti tosserva u tikkummenta f'decizjonijiet anterjuri taghha f'materja ta' rapporti tax-xoghol, id-diligenza ta' l-impjegat tikkostitwixxi f'dan ir-rapport dik il-kondotta integrativa primarja, kollegat ma' l-adempiment ta' l-obbligazzjoni. Tali dover tad-diligenza mqieghed a karigu ta' l-impjegat fl-ezekuzzjoni ta' hidmietu, hi specifikazzjoni tal-principju generali stabbilit fl-Artikolu 1132 (1) tal-Kodici Civili dwar l-effetti ta' l-obbligazzjonijiet. S' intendi, bl-opportun adattament dettat minn natura tal-mansjoni affidata lill-impjegat;

Imqeghda f'dan il-kwadru, id-diligenza skond il-mudell tal-*bonus paterfamilias* tirrapprezenta kriterju oggettiv tal-valutazzjoni ta' l-adempiment mill-haddiem, u din id-diligenza titkejjel skond dawn iz-zewg indikaturi:-

(1) L-ewwelnett, f'rapport mal-prestazzjoni dovuta. Dan fis-sens illi hu mistenni li l-impjegat jassikura illi l-mansjoni jew mansjonijiet jigu ezegwiti skond il-kwalita partikulari ta' l-attivita tieghu. Hekk, allura, in bazi ghall-abilita teknika jew professjonali rikjesta fl-espletament tal-mansjoni u l-osservanza ta' kull imgieba accessorja (ubbidjenza, fedelta) u dik tal-kawteli necessarji ghal fini tal-korrettezza professjonali;

(2) Fit-tieni lok, u akkoppjat ma' ta' l-ewwel, il-kriterju ta' l-interessi tal-kumpanija li thaddmu. Jigifieri, li jkun assikurat illi x-xoghol ezegwit ikun sew korrelat ma' l-ezigenzi partikulari tal-principal;

Premessa din l-introduzzjoni generali qasira dwar is-suggett, fil-kaz in ezami s-socjeta` appellanti tippretendi li kien hemm nuqqas ta' diligenza mill-appellat krejata minn qaghda ta' rendiment skars da parti tieghu, u ta' dipendenza totali minnu fuq ic-Chairman tal-kumpanija

nonostante li l-kariga tieghu ta’ Complex Manager kellha tiddettalu li hu, b’inizzjattiva, jwettaq il-prestazzjonijiet tieghu, anke fl-assenza ta’ direttivi minn min ihaddmu. Dejjem skond l-istess socjeta` appellanti, qaghda bhal din kellha certament tikkonfigura bhala kawza gusta ta’ terminazzjoni ta’ l-impjieg ta’ l-appellat ghaliex kienet, manifestament, turi li ma ntlahqux certi rizultati aspettati minhabba l-inkapacita jew l-imkompetenza ta’ l-appellat fl-adempiment ta’ dmirijietu. Hi tinsisti illi l-episodju fejn l-appellat irrifjuta li jmur l-Italja ghal tahrig bhala kok kien wiehed singolari imma mhux ukoll l-uniku wiehed li induca lill-kumpanija tillicenzjah. F’dan il-kuntest tghaddi biex telenka varji sitwazzjonijiet ohra bl-iskop li turi li kien hemm da parti ta’ l-appellat inosservanza kontinwata ta’ l-inkariki specifici, konsoni mal-kariga tieghu ta’ Complex Manager;

Determinata l-konsistenza tad-doljanzi tal-kumpanija appellanti sottomessi lil din il-Qorti, tinsorgi minnufih il-problema jekk jaqax fil-gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti ta’ revizjoni li tirrivisita l-fatti tal-kawza quddiem it-Tribunal, taghmel ri-valutazzjoni taghhom, u, jekk inhu l-kaz, tissostitwixxi d-diskrezzjoni gudizzjali tat-Tribunal b’dak taghha;

Evidentement hafna, minn dak sottopost mis-socjeta` appellanti, din donnha qed tirraguna illi jissussisti l-punt ta’ ligi ghal fatt li fuq il-bazi tal-provi, kif interpretati minnha, il-kuncett legali tar-raguni gusta ghal skop ta’ tkeccija ma kienx mit-Tribunal komprensiv ta’ l-evalwazzjoni ta’ l-inkompetenza u ta’ l-inabilita` ta’ l-appellat fl-ezekuzzjoni tad-doveri tieghu, *qua* Complex Manager. Koncepita f’dawn it-termini l-istedina li qed isir lil din il-Qorti hi dik li jigu ri-ezaminati l-kwestjonijiet ta’ fatt ghad-definizzjoni tal-punt tal-ligi. Pretest bhal dan ma jistax jattira lejh ir-revizjoni ta’ l-apprezzament ta’ fatt li jkun sar mit-Tribunal. L-invers kien ikun il-kaz kieku s-socjeta` appellanti wriet li jezisti punt ta’ ligi jew li t-Tribunal ikun skorrettement enuncja principju tal-ligi, ghax allura f’kaz bhal dan il-Qorti

ta' l-Appell tkun tista' tirrevedi l-apprezzament maghmul in bazi ghall-ipotesi skorretta tal-ligi;

Hu principju ripetutament affermat minn din il-Qorti illi l-punt ta' ligi li jirrendi ammissibbli l-impunjattiva tas-sentenza moghtija mit-Tribunal adit, jew, del resto wkoll, minn tribunali jew bordijiet ohra fejn id-dritt ta' l-appell hu hekk limitat ghal "punt ta' ligi", irid ikun dak ta' vjolazzjoni jew ta' applikazzjoni falza tal-punt ta' dritt. Fi kliem iehor, l-aggravju jrid jippostula sew l-allegazzjoni esplicita tal-punt ta' dritt applikat fir-rigward ta' l-elementi tal-provi accertati, u mhux, sempliciment, kif inhu l-kaz ukoll hawnhekk, proponibbli f'kollegament mad-deduzzjoni illi t-Tribunal ma ghamelx indagini sewwa tal-kawza tal-licenzjament. Anke kieku l-evidenza tal-punt tal-ligi kellu jikkonsisti f'dan ir-ragonament, din il-Qorti ma ssib ebda riskontru tieghu minn ezami tas-sentenza appellata. Fiz-zgur, ebda ezami inadegwat mit-Tribunal tac-cirkustanzi jew tal-fatti ta' karattru deciziv. L-ewwel ilment ma jistax allura jigi akkolt;

Fuq it-tieni motiv ta' aggravju, din il-Qorti gja ssenjalat bosta drabi l-punt illi l-apprezzament tal-mertu tal-kwantu kompensatorju jisfuggi mic-censura ta' din il-Qorti meta dan ma jirrizultalhiex li hu zbaljat jew, altrimenti, oneruz. Ara sa recentement is-sentenza taghha tat-28 ta' Marzu, 2008 fl-ismijiet "**Godwin Vassallo -vs- Vittoriosa Gaming Limited**". Din il-Qorti ghandha mbaghad ghax tissupponi illi t-Tribunal ha fil-konsiderandi tieghu tal-kwantum likwidat l-indikaturi kollha prefissi fl-Artikolu 81 (2) (a) tal-Kapitolu 452.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra s-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------